

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>**Notifika ta' dokumenti**

Notifika ta' dokumenti

Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 1393/2007

Informazzjoni ġenerali

Regolament (KE Nru 1393/2007) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 għandu l-għan li jtejjeb u jħaffef il-mod kif jintbagħtu l-atti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali għan-notifika bejn l-Istati Membri.

Ir-Regolament japplika bejn l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea, inkluża d-Danimarka li kkonfermat l-intenzjoni li timplimenta l-kontenut tar-Regolament permezz ta' **dikjarazzjoni** bbażata fuq ftehim parallel konkluż mal-Komunità Ewropea.

Ir-Regolament jipprevedi modi differenti biex jintbagħtu d-dokumenti: jistgħu jintbagħtu permezz ta' aġenziji li jibagħtu u li jirċievu, jistgħu jintbagħtu b'mezzi konsulari jew diplomatiċi, u tista' ssir notifika bil-posta u notifika diretta.

L-Aġenziji li jibagħtu għandhom il-kompetenza li jibagħtu atti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji sabiex jiġu notifikati fi Stat Membru ieħor. L-Aġenziji li jirċievu għandhom il-kompetenza li jirċievu atti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji minn Stat Membru ieħor. L-entità Ċentrali hija responsabbli biex jipprovdi tagħrif lill-aġenziji li jibagħtu u biex isib soluzzjonijiet għal kull diffikultà li tista' tinqala' waqt li jkun qed jintbagħtu dokumenti għan-notifika.

Ir-Regolament jipprovdi seba' formoli.

Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jipprovdi b'informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u b'għodda faċli li tintuża biex timla l-**formoli**.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Links relatati

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-renju tad-Danimarka dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali **Il-Konvenzjoni ta' l-Aja tal-15 ta' Novembru 1965** dwar in-Notifika f'Pajjiż Barrani ta' Atti Ġudizzjarji u Extra-Ġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali **Is-sit web ARKIVJAT tal-ATLAS Ġudizzjarju Ewropew (magħluq fit-30 ta' Settembru 2017)**

L-aħħar aġġornament: 19/02/2019

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

Il-Kummissjoni qiegħda fil-proċess li taġġorna xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.